Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żobbuġ Isml

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 02/13 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 14/02/2013 fid-8.45pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Vici Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Assenti |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Skużat minħabba mard |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti sad-9pm |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**02. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Minuti 01/13 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** | |
| 02. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**02. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 2. 1 | 01.2.3 | Sindku: Sqaq Strejnu Nru 2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-test tal-klorin sar. Bħalissa qed nistennew risposta bil-miktub u nistennew ukoll li jitqabbad il-main il-ġdid. Wara jsir is-surfacing bit-tarmak. | Sindku |
| 02. 2. 2 | 01.2.6 | Pace: Devoluzzjoni Ġebel San Martin | Il-Kunsillier Pace informa lill-Kunsill li l-laqgħa mad-Dipartiment ser issir fil-bidu ta' Marzu. | Pace |
| 02. 2. 3 | 01.13.6 | Seychell: Handrail wara l-Knisja | Seychell reġa' ta spjegazzjoni ta' fejn irid jeħel il-handrail wara l-Knisja, iġifieri fejn il-maħżen ta' l-armar. | Sindku |
| 02. 2. 4 | 01.13.9 | Seychell: Triq San Girgor | Il-Kunsillier Seychell informa lill-Kunsill li d-dawl taz-zebra crossing issewwa. | Sindku |
| 02. 2. 5 | 01.13.10 | Seychell: Tilari | Il-Kunsillier Seychell staqsa x'ġara ezatt mit-tilari li kienu neqsin. | Sindku |

**02. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 3. 1 | 13 | TM: Triq Nikol Attard | Il-Kunsill mistenni jgħaddi l-kummenti u l-kunsiderazzjoni tiegħu lill-TM hekk kif mitlub dwar il-korrispondenza tas-Sur G. Cassar li ġiet preżentata quddiem il-Kunsill fil-laqgħa preċedenti u li ġiet mgħoddija lil TM mill-Kunsill. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 3. 2 15 | A. Galea: Ħsara fuq karozza fi Triq Presient Anton Buttiġieġ | **Il-Kunsill approva r-rimborz ta' ħsara li ġarrab is-Suq Antoine Galea fuq il-vettura tiegħu waqt li kien għaddej minn Triq President Anton Buttiġieġ fejn is-showroom ta' Montebello. Ir-rapport tal-pulizija ġie provdut mis-Sur Galea. Il-ħsara tammonta għal €189.** | Segretarjat |
| 02. 3. 3 16 | C. Copperstone: Ħsara fuq il-vettura fi Triq Bormla | **Il-Kunsill approva wkoll ir-rimborz tas-Sur Christopher Copperstone għal ħsara li ġarrab fuq il-vettura tiegħu fi Triq Bormla. Il-ħsara tammonta għal € 241.97 Ir-rapport tal-pulizija ġie provdut mis-Sur Copperstone.** | Segretarjat |
| 02. 3. 4 | Mgrace Aquilina: Ħsara fuq il-vettura fi Triq Bormla | **Il-Kunsill approva wkoll ir-rimborz tas-Sinj. MaryGrace Aquilina għal ħsara li ġarrbet fuq il-vettura tagħha waqt li kienet għaddejja minn Triq Bormla. Il-ħsara tammonta għal €50. Ir-rapport tal-pulizija ġie provdut mis-Sinj. Aquilina.** | |

**02. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 02. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 02/13 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 02/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| | | Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas tas-Sinj. Charmaine Mifsud ta' €35 għal sezzjoni ta' Zumba. | | |
| | 14 | Il-Kunsill approva il-Qualification Allowance ta' l-impjegat Mark Spiteri li qatt ma ġiet imħallsa. Il-perijodu 2008-2011 iġorru ħlas ta' €232.94 fis-sena filwaqt li l-perijodu 2012-13 iġorru ħlas ta' €349.41 fis-sena. | | |
| | 43 | Rigward il-ħlas tal-General Ecological dwar sadd tad-drenaġġ fi Triq Ħal Bajda is-Sindku irrimarka li għalkemm sar xogħol minn dan il-kuntrattur, reġa' hemm sadd. | | |
| 02. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 02/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 12. 4. 4 | | Petty Cash - Jannar 2013 | **Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Jannar 2013 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur97.88.** | Segretarjat |

**02. 5. Programm fuq xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku rrapporta li ser isiru xogħlijiet f'Misraħ Kanonku Giov. Vella u fi Triq San Alfonsu filwaqt li jissokktaw dawk fi Triq Strejnu. | **Sindku** |

02. 6. Devoluzzjoni ta' Ġnien Ġebel San Martin

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li dwar id-devlozzjoni ta' Ġnien Ġebel San Martin s'issa għadna ma wasalniex. Kif intqal preċedentement, il-Kunsillier Pace huwa inkarigat ikompli isegwi dan il-każ u ser ikollu laqgħa fil-bidu ta' Marzu. | Pace |

02. 7. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 7. 1 | | Fenech: Sqaq San Bastjan | Fenech infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mir-residednti ta' Sqaq San Bastjan fejn dawn ilmentaw li qed isibu problema meta jopparkjaw u ma jkunux jistgħu joħorġu. | |
| 02. 7. 2 | | Sindku: Magażin tal-Kunsill | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed jitħejja il-magazin dwar xogħlijiet li saru mill-kunsill u bir-rapporti ta' kull kunsillier. Dan huwa mistenni jitqassam f'kull dar il-ġimgħa d-dieħla. | Sindku |
| 02. 7. 3 | | Viċi-Sindku: Interactive White Board | Il-Viċi-Sindku spjegat li wara li saret l-għamara għac-Child Day Care Centre, issa jmiss li jinxtara interactive white board. **Il-Kunsill approva unanimament ix-xiri ta' dan l-interactive white board mingħand Audio Vision Gzira għall-prezz ta' € 1,888** wara li evalwa l-kwotazzjonijiet preżentati. | Viċi-Sindku |
| 07. 7. 4 | | Camilleri: Kwotazzjoni ta' tabelli għal-Librerija Pubblika | Camilleri ippreżenta l-kwotazzjonijiet bid-disinji għat-tabelli tal-Librerija Pubblika. **Il-Kunsill qabel unanimanent li dawn għandhom isiru mingħand The Sign Shop għal prezz ta' €636.** | Camilleri |
| 02. 7. 5 | | Fenech: Olive Oil Tasting Course | Fenech talbet lill-Kunsill jikkunsidra li jsir kors ta' olive oil tasting. **Il-Kunsill laqa' din it-talba** u għalhekk ser issir kuntatt ma' l-Mcast sabiex jikseb iktar tagħrif. | Camilleri |
| 12. 7. 6 | | Fenech: Bdil ta' shutters | **Il-Kunsill qabel li jġib kwotazzjonijiet għax-shutter tal-bieb tas-sala fi Ġnien San Girgor kif ukoll, tat-Tribunal u taċ-Child Day Care Centre.** Dan sabiex jinbidlu dawk eżistenti peress li qed tkun diffiċli ħafna biex tiftaħ u tagħlaq is-shutters imsemmija. | |
| 02. 7. 7 | | Fenech: Attivitajiet | Fenech irrapurtat il-movie night li ttellgħet għal youths@local nhar is-Sibt li għadda. Il-Kunsilliera Fenech nfurmat lill-Kunsill li nhar is-Sibt 2 ta' Marzu ser isir hike għaz-zgħazagħ lejn Delimara. | Fenech |
| 02. 7. 8 | | Fenech: Linji sofor fi Triq Xandru Pulis | **Il-Kunsill approva li jsiru linji sofor fi Triq Xandru Pulis.** | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 02. 7. 9 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-party tal-karnival li sar fic-Child Day Care Centre għat-tfal reġistrati fil-Kids Club. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar ser titella' attivita flimkien mal-Meusac fejn din id-darba ser immorru l-Bird Park. Din l-attivita' ser tkun bl-ikel għall-prezz ta' €10. Ser ikun hemm sussidju ta' €1 fuq kull ras mill-vot tas-sotto kumitat. It-trasport ser ikun provdut mill-MEUSAC. | Viċi-Sindku |
| 02. 7. 10 | Sindku: Expression of Interest CDCC | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħarġet l-expression of interest għac-Child Day Care Centre. Din tagħlaq fil-11 ta' Marzu,2013. | Segretarjat |
| 02. 7. 11 | Segretarjat: Baġit 2013 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-baġit 2013. Dan ġie spjegat fid-dettal. **Il-Kunsill approva l-baġit unanimament.** | Sindku Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu, 2013 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv